

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/770**tal-14 ta' April 2016****li tistabbilixxi format komuni għat-tressiq tat-tagħrif dwar it-tħaddim tal-proċeduri skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi***(notifikata bid-dokument C(2016) 2068)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 22(1) tiegħu,Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Sabiex ikun żgurat li t-tagħrif li jibagħtu l-Istati Membri jkun ta' standard konsistenti, huwa xieraq li jinħoloq format komuni li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jissodisfaw l-obbligi tar-rappurtar tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (2) Huwa xieraq li jiġu speċifikati l-perjodi eżatti tar-rappurtar sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u l-konsistenza minħabba li, skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012, kull tliet snin l-Istati Membri jridu jibagħtu t-tagħrif dwar it-tħaddim tal-proċeduri,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-format komuni li fih l-Istati Membri jridu jressqu t-tagħrif meħtieġ skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa mogħti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ewwel rapport dwar it-tagħrif li l-Istati Membri għandhom jibagħtu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għandu jkopri s-snin kalendarji tal-2014, l-2015 u l-2016. Ir-rapporti ta' wara għandhom ikopru l-perjodi ta' tliet snin ta' wara.

⁽¹⁾ ĠUL 201, 27.7.2012, p. 60.⁽²⁾ ĠUL 396, 30.12.2006, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

STĦARRIĠ

Taqsimha 1: Informazzjoni ġenerali

1. Fisem liema Stat Membru qiegħed tirrapporta?

2. Isem il-persuna ewlenija ta' kuntatt:

3. Agħti l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ewlenija ta' kuntatt:

4. Perjodu tar-rappurtar:

Taqsimha 2: Tagħrif dwar l-awtorità nazzjonali nominata (l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012)

5. Kemm-il awtorità nazzjonali nominata teżisti fl-Istat Membru tiegħek?

6. Jekk hemm iktar minn waħda, speċifika kif jitqassmu r-responsabbiltajiet bejniethom:

7. X'jisimhom l-awtoritajiet nazzjonali nominati?

8. Speċifika l-għadd ta' ħaddiema (f'ekwivalenti għal full-time) li qed jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-kunsens infurmat minn qabel fl-awtoritajiet nazzjonali nominati:

Jekk hemm diversi awtoritajiet nazzjonali nominati, speċifika l-għadd għal kull awtorità nazzjonali nominata.

9. L-awtoritajiet nazzjonali nominati huma involuti wkoll fl-implimentazzjoni ta' liġi, konvenzjoni jew programm ieħor tal-UE jew internazzjonali marbut mal-qasam tas-sustanzi kimiċi?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika liema liġi, konvenzjoni jew programm dan hu u kif inhija organizzata l-koordinazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn f'pajjiżek:

10. L-awtorità nazzjonali nominata kemm-il notifika tal-esportazzjoni u talba għal RIN speċjali aċċettat fis-sena (u baġtet lill-ECHA għal iktar ipproċessar)?

	Notifiki ta' esportazzjoni	Talbiet għal RIN speċjali
L-ewwel sena		
It-tieni sena		
It-tielet sena		
Għadd totali		

Taqsimha 3: Appoġġ lill-esportaturi u lill-importaturi

11. L-awtoritajiet nazzjonali nominati implimentaw xi attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' taġġir biex jappoġġjaw lill-esportaturi u lill-importaturi biex dawn jikkonformaw mar-Regolament dwar il-kunsens infurmat minn qabel?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika x'inhuma dawn l-attivitajiet: (jistgħu jingħataw diversi twegġibiet)

Gwida teknika u xjentifika onlajn (minbarra dik tal-ECHA)

Referenza għall-paġni web tal-ECHA dwar il-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel u l-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel

Paġna web speċifika b'taġġir dwar ir-Regolament dwar il-kunsens infurmat minn qabel

Kampanja ta' sensibilizzazzjoni

Il-midja soċjali

Żjarat fl-istabbilimenti tal-operaturi

Indirizz speċifiku tal-posta elettronika għar-reqwiziti tat-taġġir

Helpdesk nazzjonali

Sessjonijiet ta' ħidma u avvenimenti simili tat-taġġir

Attivitajiet oħrajn

Jekk dawn huma attivitajiet oħrajn, agħti iktar dettalji dwarhom.

Jekk le, għid għaliex ma kienx hemm bżonn ta' dan l-appoġġ.

12. Taħseb li dawn l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' taġġir wasslu biex l-esportaturi u l-importaturi jkunu iktar konformi mar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

13. L-esportaturi u l-importaturi għal liema żewġ affarijiet l-iktar li jitolbu appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali nominati? Jekk jogħġbok agħżel żewġ affarijiet.

Għan-notifiki tal-esportazzjoni

Għall-proċedura tal-kunsens espliċitu

Għar-rinunzji

Għat-talbiet għal RIN speċjali

Għar-rappurtar skont l-Artikolu 10

Għal affarijiet oħrajn

Jekk jitolbu appoġġ għal affarijiet oħrajn, agħti iktar dettalji dwarhom.

14. L-awtoritajiet nazzjonali nominati kemm qattgħu ħin, bejn wieħed u ieħor, jaħdmu fuq dan it-tip ta' appoġġ?

Sa 10 % tal-ammont tax-xogħol

20 % tal-ammont tax-xogħol

30 % tal-ammont tax-xogħol

40 % tal-ammont tax-xogħol

Iktar minn 40 % tal-ammont tax-xogħol

L-ammont ta' ħin ma jistax jiġi kkwantifikat

Taqsimha 4: Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali nominati jew l-ECHA u l-Kummissjoni

15. Tinsab kuntent bil-koordinazzjoni li teżisti bejn l-awtoritajiet nazzjonali nominati tiegħek u l-Kummissjoni?

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

16. Speċifika liema oqsma tal-koordinazzjoni jistgħu jittejbu, jekk hemm: (jistgħu jingħataw diversi tweġibiet)

L-Artikolu 8(5) — l-esportazzjoni fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza

L-Artikolu 8(7) — l-informazzjoni addizzjonali li trid tingħata dwar is-sustanzi kimiċi esportati jekk din tintalab

L-Artikolu 11(6) — l-obbligu tal-Istati Membri li jassistu lill-Kummissjoni fil-ġbir tal-informazzjoni

L-Artikolu 11(7) — l-evalwazzjoni tal-bżonn li jiġu proposti miżuri fil-livell tal-Unjoni

L-Artikolu 11(8) — il-proċedura f'każ li Stat Membru jieħu azzjoni regolatorja nazzjonali finali

L-Artikolu 13(6) — l-evalwazzjoni tal-bżonn li jiġu proposti miżuri fil-livell tal-Unjoni

L-Artikolu 14(1) — l-obbligu li tiġi trażmessa l-informazzjoni li tasal mingħand is-Segretarjat

L-Artikolu 14(5) — pariri u għajnuna lill-Partijiet importaturi jekk jitolbu dan

L-Artikolu 14(6) — id-deċiżjoni tal-Istati Membri li m'hemm bżonn l-ebda kunsens espliċitu

L-Artikolu 14(7) — id-deċiżjoni tal-Istati Membri li tista' ssir l-esportazzjoni

L-Artikolu 14(7) — il-fatt li l-Istati Membri jqisu l-impatti li jista' jkun hemm fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent

L-Artikolu 14(8) — ir-reviżjoni perijodika tal-validità tal-kunsens espliċitu

L-Artikolu 18(1) — l-obbligu li għandhom il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-ECHA li jimmonitorjaw il-konformità tal-esportaturi mar-Regolament

L-Artikolu 20 — l-iskambju tal-informazzjoni

L-Artikolu 21 — l-assistenza teknika

L-Artikolu 23 — l-aġġornament tal-Annessi

Oqsma oħrajn

Jekk jistgħu jittejbu oqsma oħrajn, agħti iktar dettalji dwarhom.

17. Tinsab kuntent bil-koordinazzjoni li teżisti bejn l-awtoritajiet nazzjonali nominati tiegħek u l-ECHA?

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

18. Speċifika liema oqsma tal-koordinazzjoni jistgħu jittejbu, jekk hemm: (jistgħu jingħataw diversi tweġibiet).

L-Artikolu 6(1)(c) — assistenza teknika u gwida xjentifika u għodod għall-industrija

L-Artikolu 8(7) — l-informazzjoni addizzjonali li trid tingħata dwar is-sustanzi kimiċi esportati jekk din tintalab

L-Artikolu 11(6) — l-obbligu tal-Istati Membri li jassistu lill-Kummissjoni fil-ġbir tal-informazzjoni

L-Artikolu 11(7) — l-evalwazzjoni tal-bżonn li jiġu proposti miżuri fil-livell tal-Unjoni

L-Artikolu 13(6) — l-evalwazzjoni tal-bżonn li jiġu proposti miżuri fil-livell tal-Unjoni

L-Artikolu 20 — l-iskambju tal-informazzjoni

L-Artikolu 21 — l-assistenza teknika

L-Artikolu 23 — l-aġġornament tal-Annessi

Oqsma oħrajn

Jekk jistgħu jittejbu oqsma oħrajn, agħti iktar dettalji dwarhom.

Taqsim 5: In-notifiki tal-esportazzjoni mibgħuta lill-Partijiet u lil pajjiżi oħrajn

(Din it-tabella hija rilevanti biss għal dawk l-Istati Membri li pproċessaw notifiki tal-esportazzjoni fil-perjodu tar-rappurtar.)

19. Għal liema rekwiżiti tal-informazzjoni, mitluba fil-formola tan-notifika tal-esportazzjoni, l-esportaturi qed ikollhom diffikultà biex jipprovdu l-informazzjoni (Jistgħu jingħataw diversi tweġibiet)?

- L-identità tas-sustanza li tkun se tiġi esportata
- L-identità tat-taħlita li tkun se tiġi esportata
- L-identità tal-prodott li jkun se jiġi esportat
- L-informazzjoni dwar l-esportazzjoni (pereżempju d-dettalji ta' kuntatt tal-importaturi)
- L-informazzjoni dwar il-perikli jew ir-riskji tas-sustanza kimika u l-miżuri ta' prekawzjoni
- It-taqsim tal-karatteristiċi fiżikokimiċi, tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi
- L-informazzjoni dwar l-azzjoni regolatorja finali meħuda mill-Unjoni Ewropea
- Informazzjoni oħra pprovduta mill-Parti esportatriċi
- Id-disponibbiltà tal-kodiċijiet tan-NM jew tal-kodiċijiet CUS
- L-użu maħsub tas-sustanza kimika fil-pajjiż importatur
- Is-sommarju tal-azzjoni regolatorja finali, ir-raġunijiet għaliha u d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha
- L-ebda wieħed

Agħti iktar kummenti dwar dan jekk hemm bżonn.

20. Kemm-il notifika ta' esportazzjoni ntbagħtet lura lill-esportatur għar-raġunijiet imsemmija fit-tabella ta' hawn taħt?

Raġuni/Għadd fis-sena	Fl-ewwel sena	Fit-tieni sena	Fit-tielet sena
Talba għal tressiq mill-ġdid			
Talba miċħuda			

Jekk inhu rilevanti, għid għal liema raġunijiet intalab l-iktar it-tressiq mill-ġdid tan-notifiki tal-esportazzjoni u għal liema raġunijiet l-iktar li dawn ġew miċħuda.

Raġunijiet għaliex intalab li jitressqu mill-ġdid in-notifiki tal-esportazzjoni:

Raġunijiet għaliex ġew miċħuda n-notifiki tal-esportazzjoni:

21. Kellek diffikultajiet biex tibgħat in-notifiki lill-ECHA fil-ħin?

- Iva
- Le

Jekk iva, agħti iktar dettalji dwar dan u iktar kummenti jekk hemm bżonn.

L-Artikolu 8(5) — l-esportazzjoni ta' sustanza kimika b'rabta ma' sitwazzjoni ta' emerġenza

22. Kellek tittratta xi sitwazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 8(5)?

- Iva
- Le

Jekk iva, iddeskrivi l-aktar każijiet importanti (pereżempju s-sustanza kimika użata, il-pajjiż importatur, l-użu maħsub tas-sustanza kimika u n-natura tal-emerġenza).

23. Kellek diffikultajiet biex timplimenta l-proċedura ta' sitwazzjoni ta' emerġenza?

Iva

Le

Ma kien hemm l-ebda sitwazzjoni bħal din.

Jekk iva, agħti iktar dettalji dwar dan.

L-Artikolu 8(7) — l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali disponibbli dwar is-sustanzi kimiċi esportati

24. Intlabt tagħti iktar informazzjoni lill-Partijiet importaturi u lil pajjiżi oħrajn dwar is-sustanzi kimiċi esportati?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika f'liema każijiet kellek tagħmel dan (pereżempju isem is-sustanza kimika, id-dettalji ta' kuntatt tal-importatur, il-pajjiż importatur u t-tip ta' informazzjoni addizzjonali pprovduta).

25. Jekk irċevejt talba bħal din, kellek diffikultajiet biex tipprovi l-informazzjoni addizzjonali?

Iva

Le

Jekk iva, agħti iktar dettalji dwar dan.

L-Artikolu 8(8) — it-tariffa amministrattiva għan-notifiki tal-esportazzjoni

26. L-awtoritajiet nazzjonali nominati ta' pajjiżek jitolbu tariffa amministrattiva għan-notifiki tal-esportazzjoni?

Iva

Le

Jiddependi mill-awtorità nazzjonali nominata.

Jekk jiddependi, agħti iktar dettalji.

Jekk tintalab tariffa amministrattiva, wiegħeb il-mistoqsijiet 27 sa 30. Jekk le, aqbiżhom u kompli mill-mistoqsija 31.

27. Kemm hi din it-tariffa amministrattiva? (speċifika l-munita jekk mhux l'euro)

28. Minn meta se tibda tintalab it-tariffa amministrattiva?

29. Irċevejt xi lmenti mingħand l-esportaturi fuq il-livell tat-tariffi amministrattivi?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika x'tip ta' lmenti rċevejt u kemm irċevejt fis-sena.

30. Fil-fehma tiegħek, it-tariffa amministrattiva affettwat l-għadd ta' notifiki (Mistoqsija mhix obbligatorja)?

Iva

Le

Ma nafx.

Jekk iva, agħti iktar dettalji dwar dan.

31. L-awtoritajiet nazzjonali nominati ta' pajjiżek jitolbu tariffa amministrattiva għat-talbiet għall-kunsens espliċitu?

Iva

Le

Jiddependi mill-awtorità nazzjonali nominata.

Jekk jiddependi, agħti iktar dettalji.

Jekk tintalab tariffa amministrattiva, speċifika kemm hi (u l-munita jekk mhux feuro).

Taqsim 6: Tagħrif dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi

L-esportaturi (l-Artikolu 10)

32. Kien hemm każijiet fejn l-esportaturi damu biex bagħtulek it-tagħrif dwar il-kwantità tas-sustanza kimika mibgħuta matul il-perjodu tar-rappurtar lil kull Parti jew lil kull pajjiż ieħor bħala sustanza u f'taħlitiet jew f'oġġetti?

Iva

Le

Mhux applikabbli

Jekk iva, agħti iktar kummenti dwar dan.

L-importaturi (l-Artikolu 10)

33. Kien hemm każijiet fejn l-importaturi damu biex bagħtulek it-tagħrif dwar il-kwantità tas-sustanza kimika li rċewew matul il-perjodu tar-rappurtar bħala sustanza u f'taħlitiet jew f'oġġetti?

Iva

Le

Mhux applikabbli

Jekk iva, agħti iktar kummenti dwar dan.

34. L-awtoritajiet nazzjonali nominati, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tal-infurzar ta' pajjiżek jużaw id-dejta jew l-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet?

Iva

Le

Ma nafx

Jekk iva, speċifika kif jużawha.

Ir-rappurtar tal-Istati Membri lill-ECHA

35. Sibb diffikultajiet biex tibgħat l-informazzjoni aggregata skont l-Artikolu 10 flimkien mal-Anness III permezz tal-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel?

Iva

Le

Jekk iva, iddeskrivi fid-dettall dawn id-diffikultajiet.

36. Kien hemm każijiet fejn domt biex bgħatt l-informazzjoni aggregata permezz tal-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel f'konformità mal-Anness III?

Iva

Le

Jekk iva, aghi r-raġunijiet għal dan id-dewmien.

Taqsim 7: Obbligi relatati mal-esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi minbarra n-notifika tal-esportazzjoni

Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni u tad-deċiżjonijiet lill-partijiet ikkonċernati fil-ġuriżdiżjoni tal-Istat Membru tiegħek (l-Artikolu 14(3))

37. Kif bgħatt l-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet u/jew il-kundizzjonijiet tal-pajjiżi importaturi lill-partijiet ikkonċernati fil-ġuriżdiżjoni tal-Istat Membru tiegħek (Jistgħu jingħataw diversi tweġibiet)?

Permezz tal-posta elektronika

Permezz tas-sit web

Permezz ta' bulettini

B'mezzi oħrajn

Jekk użajt mezz oħrajn, speċifika x'kienu.

Il-konformità tal-esportaturi mad-deċiżjonijiet f'kull tweġiba dwar l-importazzjoni (l-Artikolu 14(4))

38. Kellek problemi relatati mal-konformità tal-esportaturi mat-tweġibiet dwar l-importazzjoni mogħtija mill-Partijiet?

Iva

Le

Jekk iva, aghi iktar dettalji dwar dan.

L-għoti ta' appoġġ lill-Partijiet importaturi (l-Artikolu 14(5))

39. Tajt pariri lill-Partijiet importaturi u/jew għinthom, fuq talba tagħhom, biex jiksbu t-tagħrif addizzjonali meħtieġ biex iħejju tweġiba lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar l-importazzjoni ta' sustanza kimika speċifika?

Iva

Le

Jekk iva, aghi iktar dettalji dwar dan.

Sustanzi li ma jistgħux jiġu esportati sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 14(6))

40. Implimentajt il-proċedura tal-kunsens espliċitu skont l-Artikolu 14(6)(a) fil-perjodu tar-rappurtar?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika kemm-il talba għall-kunsens espliċitu u kemm-il tweġiba rċevjt fis-sena.

	Għadd ta' talbiet	Għadd ta' tweġibiet
Fl-ewwel sena		
Fit-tieni sena		

	Għadd ta' talbiet	Għadd ta' tweġibiet
Fit-tielet sena		
Għadd totali		

41. Implimentajt il-proċedura tal-kunsens espliċitu skont l-Artikolu 14(6)(b)?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika kemm-il talba għal RIN speċjali kien hemm fis-sena li għalihom il-Parti importatriċi tat il-kunsens tagħha għall-importazzjoni permezz tat-tweġiba dwar l-importazzjoni ppubblikata fiċ-ċirkulari dwar il-kunsens infurmat minn qabel.

Fl-ewwel sena	
Fit-tieni sena	
Fit-tielet sena	
Għadd totali	

42. Kellek diffikultajiet biex timplimenta l-proċedura tal-kunsens espliċitu?

Iva

Le

Mhux applikabbli

Jekk iva, aghi iktar dettalji dwar dan.

43. Kellek tiddeċiedi dwar il-fatt li ma titlob l-ebda kunsens espliċitu fil-każ ta' sustanzi kimiċi mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness I u maħsubin biex jiġu esportati lejn pajjiżi tal-OECD?

Iva

Le

Mhux applikabbli minħabba li l-awtorità nazzjonali nominata tiegħek ma rċeviet l-ebda notifika tal-esportazzjoni ta' dan it-tip.

Jekk iva, speċifika kemm-il każ ta' dan it-tip kien hemm fis-sena.

L-ewwel sena	
It-tieni sena	
It-tielet sena	
Għadd totali	

44. Kellek diffikultajiet biex tiddeċiedi li ma kien hemm bżonn tal-ebda kunsens espliċitu fil-każ ta' sustanzi kimiċi mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness I li kellhom jiġu esportati lejn pajjiżi tal-OECD?

Iva

Le

Mhux applikabbli minħabba li ma kien hemm l-ebda każ ta' dan it-tip

Jekk iva, aghi iktar dettalji dwar dan.

Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali nominati li tista' ssir l-esportazzjoni 60 jum wara li tkun saret it-talba għall-kunsens espliċitu (l-Artikolu 14(7))

45. Saritlek xi talba għar-rinunzja skont l-Artikolu 14(7)?

- Iva
- Le
- Mhux applikabbli minħabba li l-awtorità nazzjonali nominata tiegħek ma kellha bżonn titlob l-ebda kunsens espliċitu

Jekk iva, speċifika kemm-il każ ta' dan it-tip kien hemm fis-sena.

L-ewwel sena	
It-tieni sena	
It-tielet sena	
Għadd totali	

46. Kellek diffikultajiet biex timplimenta l-proċedura mogħtija fl-Artikolu 14(7)?

- Iva
- Le
- Mhux applikabbli minħabba li ma kien hemm l-ebda każ ta' dan it-tip

Jekk iva, aghi iktar dettalji dwar dan.

Il-validità tal-kunsens espliċitu (l-Artikolu 14(8))

47. Kien hemm każijiet fejn l-esportazzjoni tħalliet issir sakemm tasal it-tweġiba għal talba ġdida għall-kunsens espliċitu skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 14(8)?

- Iva
- Le
- Mhux applikabbli minħabba li l-awtorità nazzjonali nominata tiegħek ma rċeviet l-ebda notifika tal-esportazzjoni li għaliha kien hemm bżonn tal-kunsens espliċitu

Jekk iva, speċifika kemm-il każ ta' dan it-tip kien hemm.

L-ewwel sena	
It-tieni sena	
It-tielet sena	
Għadd totali	

Taqsim 8: Obbligi relatati mal-importazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi**Deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati (l-Artikolu 13(5))**

48. Id-deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar l-importazzjoni kif jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati fi ħdan il-kompetenza tiegħek (Jistgħu jingħataw diversi tweġibiet)?

- Permezz tal-posta elettronika
- Permezz tas-siti web tal-awtoritajiet nazzjonali nominati
- Permezz ta' bulettini
- B'mezzi oħrajn

Jekk użajt mezzi oħrajn, speċifika x'kienu.

Taqsim 9: Informazzjoni dwar movimenti ta' tranżitu**Informazzjoni dwar l-ewwel moviment ta' tranżitu u r-rekwiżiti taż-żmien (l-Artikolu 16)**

49. Kellek timplimenta l-Artikolu 16 matul il-perjodu tar-rappurtar?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika għal kemm-il każ kellek tagħmel dan, liema kienu l-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam involuti u x'informazzjoni kienet meħtieġa.

50. Taf b'xi problemi li kellhom l-esportaturi huma u jimplimentaw l-Artikolu 16?

Iva

Le

Mhux applikabbli minħabba li ma kien hemm l-ebda każ ta' dan it-tip

Jekk iva, agħti iktar dettalji dwar dan.

Taqsim 10: Rekwiżiti marbutin mas-sustanzi kimiċi esportati u l-informazzjoni li għandha takkumpanjahom

51. L-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali tal-Istat Membru tiegħek kellhom xi kwistjonijiet ta' konformità marbutin mal-informazzjoni li għandha takkumpanja s-sustanzi kimiċi esportati?

Iva

Le

Ma nafx.

Jekk iva, wieġeb il-mistoqsijiet 52 sa 54 u għid jekk dawn il-kwistjonijiet ta' konformità kinux relatati ma' dawn li ġejjin:

52. L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-ippakkjar u tat-tikkettar skont:

ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ (ir-Regolament dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti)

ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ (ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali)

ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ (ir-Regolament CLP)

liġijiet oħrajn

Jekk twieġeb "liġijiet oħrajn", agħti iktar dettalji dwarhom.

53. L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-iskeda tad-dejta tas-sikurezza skont:

ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH)

liġijiet oħrajn

Jekk twieġeb "liġijiet oħrajn", agħti iktar dettalji dwarhom.

54. L-obbligu li tingħata l-informazzjoni:

f'waħda mil-lingwi uffiċjali jew prinċipali tal-pajjiż destinatariju fuq it-tikketta

f'waħda mil-lingwi uffiċjali jew prinċipali tal-pajjiż destinatariju fuq l-iskedi tad-dejta tas-sikurezza

55. Kellek xi kwistjonijiet ta' konformità relatati mar-reqwiziti tal-informazzjoni u tal-ippakkjar marbutin mal-prodotti esportati?

- Iva
- Le
- Mhux applikabbli

Jekk iva, għid jekk dawn il-kwistjonijiet ta' konformità kinux relatati mal-affarijiet li ġejjin:

- l-applikazzjoni ta' speċifikazzjoni tal-purità skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (pereżempju r-Regolament dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali)
- l-ottimizzazzjoni tar-riċipjenti biex jitnaqqsu r-riskji li jinħolqu stokkijiet skaduti
- id-data ta' skadenza
- il-kundizzjonijiet tal-ħżin mogħtija fuq it-tikketta
- affarijiet oħrajn

Jekk dawn kienu relatati ma' affarijiet oħrajn, agħti iktar dettalji dwarhom.

(¹) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

(²) Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 fir-rigward tar-reqwiziti ta' informazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

(³) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlilit, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Taqsimha 11: L-assistenza teknika (taqsimha mhix obligatorja)

Il-kooperazzjoni

56. Ikkooperajt ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ma' pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni jew ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi biex ittejjeb il-ġestjoni t-tajba tas-sustanzi kimiċi u, b'mod partikulari, biex timplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam?

- Iva
- Le

Jekk iva, kif ikkooperajt magħhom (Jistgħu jingħataw diversi tweġibiet)?

- Billi tajthom informazzjoni teknika
- Billi ħeġġiġt l-iskambju tal-esperti
- Billi appoġġajt l-istabbiliment tal-awtoritajiet nazzjonali nominati jew iż-żamma tagħhom
- Billi tajthom għarfien tekniku espert għall-identifikazzjoni ta' formulazzjonijiet tal-pestiċidi perikolużi
- Billi tajthom għarfien tekniku espert għall-preparazzjoni tan-notifiki lis-Segretarjat
- Billi għinthom foqasma oħrajn

Jekk għinthom foqasma oħrajn, agħti iktar dettalji dwar dan.

Għid liema huma l-pajjiżi li qed jibbenefikaw minn din il-kooperazzjoni.

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet

57. Ħadt sehem fxi proġett jew attività internazzjonali marbuta mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi jew appoġġajt lil xi NGO li hija involuta f'attivitajiet bħal dawn?

Iva

Le

Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi dawn l-attivitajiet.

Taqsim 12: Infurzar tar-Regolament (UE) Nru 649/2012**Tagħrif ġenerali**

58. Liema huma l-awtoritajiet tal-infurzar involuti fl-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 fl-Istat Membru tiegħek?

L-awtoritajiet doganali

Awtoritajiet tal-infurzar oħrajn

Jekk inhuma involuti awtoritajiet tal-infurzar oħrajn, speċifika liema huma.

59. Speċifika liema liġijiet oħrajn tal-UE l-awtoritajiet tal-infurzar (minbarra l-awtoritajiet doganali) jittrattaw ukoll, jekk ikun il-każ:

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008

Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009

Liġijiet oħrajn

Jekk dawn ikunu qed jittrattaw ukoll liġijiet oħrajn, agħti iktar dettalji dwarhom.

60. L-awtoritajiet tal-infurzar għandhom ir-riżorsi x-xierqa? (Mistoqsija mhix obbligatorja)

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

61. L-ispetturi jew il-persuni l-oħra li huma inkarigati mill-infurzar jingħataw taħriġ regolari dwar ir-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Iva

Le

Jekk iva, agħti iktar dettalji dwar dan (pereżempju t-tip ta' taħriġ, is-suġġetti koperti u l-frekwenza tat-taħriġ).

Jekk le, għid għaliex daww il-persuni ma jingħatawx it-taħriġ b'mod regolari.

L-istrateġija tal-infurzar

62. L-awtorità tiegħek (jew kull awtorità rilevanti oħra) għandha strateġija tal-infurzar b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Iva

Le

Agħti d-dettalji li ġejjin:

62(a) Jekk iva, din l-istrateġija tal-infurzar diġà ġiet implimentata?

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

62(b) Jekk le, beħsiebkom tiżviluppaw strateġija bħal din?

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

Ir-rappurtar dwar l-attivitajiet tal-infurzar

63. Għid x'attivitajiet ta' infurzar twettqu fl-Istat Membru tiegħek. (Jistgħu jingħataw diversi tweġibiet)

Verifiki tal-konformità

Żjarat fuq il-post

It-teħid ta' kampjuni

Attivitajiet oħrajn

Jekk kienu attivitajiet oħrajn, agħti iktar dettalji dwarhom.

64. Agħti l-għadd totali ta' kontrolli uffiċjali fuq l-esportazzjonijiet, bħall-ispezzjonijiet jew l-investigazzjonijiet, u tal-miżuri l-oħra tal-infurzar li twettqu mill-awtoritajiet tal-infurzar, li kienu jkopru r-Regolament (UE) Nru 649/2012 jew li matulhom ġie infurzat dan ir-Regolament matul il-perjodu tar-rappurtar.

	Kontrolli doganali	Kontrolli min-naħa tal-ispetturi	Kontrolli oħrajn
Fl-ewwel sena			
Fit-tieni sena			
Fit-tielet sena			
Għadd totali			

Agħti iktar kummenti dwar dan jekk hemm bżonn.

65. Agħti l-għadd totali ta' kontrolli uffiċjali fuq l-importazzjonijiet, bħall-ispezzjonijiet jew l-investigazzjonijiet, u tal-miżuri l-oħra tal-infurzar li twettqu mill-awtoritajiet tal-infurzar, li kienu jkopru r-Regolament (UE) Nru 649/2012 jew li matulhom ġie infurzat dan ir-Regolament matul il-perjodu tar-rappurtar.

	Kontrolli doganali	Kontrolli min-naħa tal-ispetturi	Kontrolli oħrajn
Fl-ewwel sena			
Fit-tieni sena			
Fit-tielet sena			
Għadd totali			

Agħti iktar kummenti dwar dan jekk hemm bżonn.

Setgħat tal-awtoritajiet tal-infurzar

66. Iddeskrivi l-miżuri li jistgħu jieħdu l-awtoritajiet tal-infurzar biex jiżguraw li jkun hemm konformità mar-Regolament (UE) Nru 649/2012 (pereżempju s-sekwestru, l-avviż ta' tqegħid fil-mora u s-sospensjoni tal-attivitajiet).

Informazzjoni ddettaljata dwar il-ksur

67. Kemm-il każ ta' ksur tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 ġie nnutat:

	Mill-awtoritajiet doganali	Mill-ispetturi	Permezz ta' kontrolli oħrajn
Fl-ewwel sena			
Fit-tieni sena			
Fit-tielet sena			
Għadd totali			

68. It-tip ta' ksur innutat mill-awtoritajiet doganali u l-għadd korrispondenti fis-sena:

Il-ksur misjub	Fl-ewwel sena	Fit-tieni sena	Fit-tielet sena
Ir-rekwiżiti tat-tikkettar			
L-iskedi tad-dejta tas-sikurezza			
Id-data ta' skadenza tas-sustanza kimika			
Sustanzi kimiċi li mhumiex konformi man-notifika tal-esportazzjoni			
<i>Tipi ta' ksur oħrajn li għandhom jiddaħħlu fir-rinġieli l-vojt</i>			

69. It-tip ta' ksur innutat mill-ispetturi u l-għadd korrispondenti fis-sena:

Il-ksur misjub	Fl-ewwel sena	Fit-tieni sena	Fit-tielet sena
Ir-rekwiżiti tat-tikkettar			
L-iskedi tad-dejta tas-sikurezza			
Id-data ta' skadenza tas-sustanza kimika			
Sustanzi kimiċi li mhumiex konformi man-notifika tal-esportazzjoni			

Il-ksur misjub	Fl-ewwel sena	Fit-tieni sena	Fit-tielet sena
Tipi ta' ksur oħrajn li għandhom jiddaħħlu fir-rin- ġieli l-vojtta			

Pieni

70. Iddeskrivi l-iskema tal-pieni f'każ ta' ksur tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 (pereżempju pieni amministrattivi jew kriminali, klawnsola onnikomprensiva jew pieni speċifiċi għal tipi ta' ksur speċifiċi).
71. Kemm-il ksur tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 wassal għal pieni matul il-perjodu tar-rappurtar?

	Għadd ta' pieni
Fl-ewwel sena	
Fit-tieni sena	
Fit-tielet sena	
Għadd totali	

Kollaborazzjoni

72. L-awtoritajiet nazzjonali nominati u l-awtoritajiet tal-infurzar jiskambjaw b'mod regolari l-informazzjoni bejniethom?

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

73. Għandek xi suġġerimenti dwar kif tista' tittejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali nominati u l-awtoritajiet tal-infurzar?

74. L-awtoritajiet nazzjonali nominati u l-membri ta' pajjiżek involuti fil-Forum għall-Iskambju tal-Infurzar tal-Infurzar ("il-Forum") jiskambjaw b'mod regolari l-informazzjoni bejniethom?

Iva

Le

Agħti iktar dettalji dwar dan.

75. L-awtorità nazzjonali nominata hija kuntenta bil-kollaborazzjoni li teżisti bejnha u bejn il-membri tal-Forum?

Iva

Le

Jekk le, agħti d-dettalji dwar dan.

76. Għandek xi suġġerimenti dwar kif tista' tittejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali nominati u l-membri tal-Forum?

Ir-rwol tal-Forum għall-Iskambju tal-Infurmazzjoni dwar l-Infurzar (“il-Forum” — ara l-Artikolu 18(2))

77. L-awtorità nazzjonali nominata hija kuntenta bl-attivitajiet li wettaq il-Forum (Mistoqsija mhix obbligatorja)?

- Iva
- Le
- M'għandniex esperjenza fl-attivitajiet tal-Forum

Jekk le, aghthi iktar dettalji dwar dan.

78. Għandek xi suġġerimenti dwar kif jistgħu jittejjbu l-attivitajiet tal-Forum b'rabta mal-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 (Mistoqsija mhix obbligatorja)?

Taqsimha 13: Aspetti relatati mat-teknoloġija tal-informatika

L-awtoritajiet nazzjonali nominati u s-sistema tal-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel (is-sistema tal-ePIC)

79. L-awtoritajiet nazzjonali nominati jsibuha faċli li jużaw is-sistema tal-ePIC, b'mod partikulari meta jkunu qed jittrattaw l-affarijiet li ġejjin?

(a) In-notifiki tal-esportazzjoni (l-Artikolu 8)?

- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda esperjenza b'rabta ma' dan

Jekk le, speċifika ma' liema problemi ltaqgħu.

(b) It-talbiet għall-kunsens espliċitu (l-Artikolu 14)?

- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda esperjenza b'rabta ma' dan

Jekk le, speċifika ma' liema problemi ltaqgħu.

(c) It-talbiet għal RIN speċjali (l-Artikolu 19(2))?

- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda esperjenza b'rabta ma' dan

Jekk le, speċifika ma' liema problemi ltaqgħu.

(d) Ir-rinunzji (l-Artikolu 14(6) u (7))?

- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda esperjenza b'rabta ma' dan

Jekk le, speċifika ma' liema problemi ltaqgħu.

(e) Ir-rappurtar skont l-Artikolu 10?

- Iva
- Le

Jekk le, speċifika ma' liema problemi ltaqgħu.

(f) Proċeduri oħrajn tal-kunsens infurmat minn qabel?

Iva

Le

M'hemm l-ebda esperjenza b'rabta ma' dan

Speċifika n-natura tal-proċedura u ma' liema problemi ltaqgħu, jekk kien hemm.

L-esportaturi u s-sistema tal-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel (is-sistema tal-ePIC)

80. Fejn hu possibbli, agħti l-kummenti tal-esportaturi dwar kemm hu faċli tuża s-sistema tal-ePIC b'rabta ma' dawn li ġejjin (Mistoqsija mhix obbligatorja):

(a) in-notifiki tal-esportazzjoni:

is-sistema faċli biex tużaha

is-sistema mhix faċli biex tużaha

Jekk is-sistema mhix faċli biex tużaha, għid l-esportaturi ma' liema problemi ltaqgħu huma u jużawha.

(b) it-talbiet għal RIN speċjali:

is-sistema faċli biex tużaha

is-sistema mhix faċli biex tużaha

Jekk is-sistema mhix faċli biex tużaha, għid l-esportaturi ma' liema problemi ltaqgħu huma u jużawha.

(c) ir-rinunzji (l-Artikolu 14(6) u (7)):

is-sistema faċli biex tużaha

is-sistema mhix faċli biex tużaha

Jekk is-sistema mhix faċli biex tużaha, għid l-esportaturi ma' liema problemi ltaqgħu huma u jużawha.

(d) ir-rappurtar skont l-Artikolu 10:

is-sistema faċli biex tużaha

is-sistema mhix faċli biex tużaha

Jekk is-sistema mhix faċli biex tużaha, għid l-esportaturi ma' liema problemi ltaqgħu huma u jużawha.

(e) il-ġestjoni tat-taħlitiet jew tal-oġġetti permezz tal-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel:

is-sistema faċli biex tużaha

is-sistema mhix faċli biex tużaha

Jekk is-sistema mhix faċli biex tużaha, għid l-esportaturi ma' liema problemi ltaqgħu huma u jużawha.

(f) is-sistema tal-ePIC b'mod ġenerali:

is-sistema faċli biex tużaha

is-sistema mhix faċli biex tużaha

Jekk is-sistema mhix faċli biex tużaha, għid l-esportaturi ma' liema problemi ltaqgħu huma u jużawha.

L-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn u s-sistema tal-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel (is-sistema tal-ePIC) (Taqsimha mhix obbligatorja)

81. L-awtoritajiet doganali ta' pajjiżek jużawha s-sistema tal-ePIC?

Iva

Le

Jekk le, spjega kif l-awtoritajiet doganali ta' pajjiżek jimmonitorjaw l-esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi li jaqgħu taħt il-proċedura tal-kunsens infurmat minn qabel.

82. Safejn taf inti, l-awtoritajiet doganali jħossu li huwa faċli li tuża s-sistema tal-ePIC?
- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda informazzjoni dwar dan
83. Safejn taf inti, l-awtoritajiet doganali jħossu li s-sistema tal-ePIC hija għodda adegwata biex tgħinjom jikkontrollaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?
- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda informazzjoni dwar dan
84. Safejn taf inti, l-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn jużawha s-sistema tal-ePIC?
- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda informazzjoni dwar dan
85. Safejn taf inti, dawn l-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn iħossu li huwa faċli li tuża s-sistema tal-ePIC?
- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda informazzjoni dwar dan
86. Safejn taf inti, dawn l-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn iħossu li s-sistema tal-ePIC hija għodda adegwata biex jikkontrollaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?
- Iva
- Le
- M'hemm l-ebda informazzjoni dwar dan

Taqsimha 14: Kummenti addizzjonali

-
87. Agħti kull informazzjoni jew kumment ieħor marbut mat-tħaddim tal-proċeduri skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 li tqis li huwa rilevanti fil-qafas tar-rappurtar skont l-Artikolu 22.
-